*Verżjoni tad-dokument: Ottubru 2013*

# *Għajnuna biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn diżastri naturali (l-Artikolu 107(2)(b) tat-TFUE) Lista ta' kontroll għall-Istati Membri*

*L-Artikolu 107(2)(b) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jistipula li kull għajnuna mogħtija biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn diżastri naturali għandha tkunu kompatibbli mas-suq intern. Skont l-Artikolu 108 tat-TFUE, kull intenzjonijiet li jkollhom l-Istati Membri li jagħtu tali għajnuna trid tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni, li hija responsabbli li tivverifika l-okkorrenza tad-diżastru naturali invokata biex tiġġustifika l-għoti tal-għajnuna.*

*Sitwazzjonijiet ta' emerġenza kkawżati minn diżastri naturali jeħtieġu reazzjonijiet urġenti min-naħa tal-awtoritajiet awtorizzanti. Huwa għalhekk importanti li tiġi żgurata implimentazzjoni rapida tal-miżuri ta' għajnuna intenzjonati. L-iskop ta' din il-lista ta' kontroll huwa li l-Istati Membri jkollhom gwida indikattiva, ibbażata fuq il-każistika rilevanti tal-Kummissjoni, dwar l-informazzjoni li trid tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni sabiex tiffaċilita, tiċċara u taċċellera n-notifika u l-proċess ta' approvazzjoni.*

- *Parti I ta' din il-lista ta' kontroll* ***tikkonċerna n-notifika ta' skemi ta' għajnuna wara li jkun sseħħ diżastru naturali partikolari.***
- *Parti II ta' din il-lista ta' kontroll tikkonċerna* ***n-notifika ta' skemi "ex ante"*** *għal ċerti tipi ta' diżastru naturali. Tali skemi huma notifikati bil-quddiem lill-Kummissjoni u jipprovdu qafas ġenerali għall-għoti tal-għajnuna biex tikkumpensa għall-ħsara kkawżata minn avvenimenti fil-ġejjieni ta' tip speċifiku wieħed jew aktar ta' diżastru naturali. Ma tkun meħtieġa l-ebda notifika individwali fil-każ tal-okkorrenza ta' diżastru naturali kopert b'xi skema ex ante. L-iskema ex ante madankollu tinkludi obbligu ta' rapurtaġġ ex post relatat mal-avveniment li jikkommetti l-Istat Membru li jinforma lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni preċiża tal-iskema fil-każ ta' xi avveniment partikolari. Skemi ex ante jistgħu jiġu stabbiliti għal diżastri naturali koperti minn prassi passata konsolidata tal-Kummissjoni (eż. terremoti, valangi, żerżiq tal-art u għargħar).*
- *Parti III ta' din il-lista ta' kontroll tikkonċerna l-informazzjoni meħtieġa fil-kuntest ta'* ***rappurtaġġ ex post dwar għajnuna mogħtija taħt xi skema ex ante****.*

*Din il-lista ta' verifika mhijiex mandatorja, iżda l-Istati Membri jistgħu jużawha bħala gwida biex iħejju n-notifiki.[1] Għan-****notifiki,*** *l-Istati Membri għandhom isegwu l-proċedura tan-notifika normali (u jipprovdu permezz tas-SANI* ***l-formoli[2] ta' notifika rilevanti*** *stipulati fl-*

[1] Dan id-Dokument ta' Gwida huwa dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni Ewropea għal għanijiet ta' tagħrif. Huwa ma jirrappreżentax il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni dwar din il-kwistjoni, u lanqas ma jantiċipa pożizzjoni bħal din. Mhuwiex maħsub biex jikkostitwixxi stqarrija tal-liġi u huwa mingħajr preġudizzju għall-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar l-għajnuna mill-Istat mill-Qorti tal-Ġustizzja jew mill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

[2] Formola ta' notifika ġenerali I, kif ukoll għall-għajnuna għall-impriżi attivi fil-produzzjoni, fl-ipproċessar u fit-tqegħid fis-suq ta' prodotti agrikoli li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Anness I tat-Trattat, il-formola III.12.N (dokument ta' informazzjoni supplementari dwar l-għajnuna biex tikkumpensa għall-ħsara

*Anness I tar-Regolament (KE) Nru 794/2004),* ***li jistgħu jimtlew bl-informazzjoni bbażata fuq il-parti rilevanti ta' din il-lista ta' kontroll (parti I jew parti II).***

*Għal finijiet ta'* ***rappurtaġġ*** *relatat mal-avvenimenti, fil-kuntest tal-iskemi ex ante, l-Istati Membri huma mistiedna jużaw il-***parti III ta' din il-lista ta' verifika***[3].

*Jekk jogħġbok innota wkoll ir-regoli speċifiċi għall-għajnuna biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn diżastri naturali għal impriżi attivi fil-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli li jaqgħu fl-ambitu tal-Anness I tat-Trattat[4], u għal impriżi fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura[5].*

***

## <u>PARTI I - Notifika ta' skemi wara l-okkorrenza ta' diżastru naturali partikolari</u>

L-Istati Membri għandhom l-obbligu li jinnotifikaw skemi ta' għajnuna biex jagħmlu tajjeb għall-ħsara kkawżata minn diżastri naturali partikolari li jkunu seħħew fl-imgħoddi. F'dan il-każ, l-Istati Membri għandhom isegwu l-proċedura normali ta' notifika (permezz tas-SANI), u l-ebda għajnuna ma tista' tingħata qabel l-approvazzjoni tal-iskema notifikata mill-Kummissjoni.

Hawn taħt hawn elenkati diversi elementi mistennija li jiġu inklużi f'dawn in-notifiki, abbażi tal-esperjenza ġejja minn deċiżjonijiet tal-Kummissjoni preċedenti. Din hija lista indikattiva li għandha tiġi adattata għall-karatteristiċi ta' kull skema partikolari.

### 1. Kuntest fattwali

#### *1.1. Tip ta' avveniment*

Jekk jogħġbok iddeskrivi b'mod ċar id-diżastru naturali partikolari. Jekk ikun hemm serje ta' avvenimenti, spjega b'mod ċar ir-rabta bejniethom (eż. xita qawwija ħafna, li twassal għal livelli elevati tax-xmajjar, li jwasslu għal għargħar, li jwassal għal żerżiq minn ġnub l-għoljiet, eċċ.). Jekk jogħġbok ibgħat id-dokumenti rilevanti kollha u, b'mod partikolari, kwalunkwe rapport uffiċjali li juri l-gravità tal-avveniment.

Meta seħħ id-diżastru?

#### *1.2. Kwalifikazzjoni ta' "diżastri naturali" mill-Istat Membru*

L-avveniment ġie kklassifikat bħala diżastru naturali skont il-liġi nazzjonali?[6] Jekk jogħġbok indika meta u pprovdi kopja tad-dokumenti relevanti.

---

lill-produzzjoni agrikola jew lill-mezzi ta' produzzjoni agrikola), u għall-għajnuna lill-impriżi fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura, il-formola III.14 (dokument ta' informazzjoni supplementari dwar l-għajnuna għas-sajd u l-akkwakultura).

3 Dan ir-rappurtaġġ relatat mal-avveniment għandu jitqies bħala separat mir-rappurtaġġ skont l-Anness 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta 'April 2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1).

4 Linji gwida Komunitarji għal għajnuna mill-Istat fis-settur tal-agrikoltura u l-foresterija mill-2007 sal-2013 (ĠU C 319, 27.12.2006)

5 Linji gwida għall-eżaminazzjoni tal-għajnuna mill-Istat lis-setturi tas-sajd u l-akkwakultura (OJ C 84, 3.4.2008, p. 10)

6 Jekk jogħġbok innota li din il-kwalifika taħt il-liġi nazzjonali ma torbotx f'dan l-istadju lill-Kummissjoni għall-analiżi li se tagħmel (il-kwalifikazzjoni ta' avveniment partikolari bħala "diżastru naturali" għall-

Jekk ikun hemm sistema ta’ gradazzjoni għall-kwalifikazzjoni tal-gravità tad-diżastri, jekk jogħġbok spjega u agħti kriterji oġġettivi użati għall-valutazzjoni.

Huwa “diżastru naturali maġġuri” skont l-Artikolu 2 (1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002[7]?

Saret applikazzjoni lill-Fond ta’ Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (amministrat mid-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali tal-Kummissjoni)? X’inhu l-istatus/ir-riżultat tal-applikazzjoni?

Jekk jogħġbok indika liema tip ta’ dejta jew rapport meteoroloġiċi ġew ikkunsidrati (eż. mm ta’ xita għal kull m $^2$, graffs, ritratti, eċċ.). Preferibbilment, is-sors ta’ din id-dejta għandha tkun l-aġenzija meteoroloġika nazzjonali jew xi korp kompetenti ieħor rikonoxxut.

Fil-każ li tali diżastru naturali (jew avvenimenti simili li mhumiex kwalifikati bħala diżastru naturali) ikun seħħ aktar minn darba fl-istess reġjun(i) fis-snin preċedenti, jekk jogħġbok agħmel paragun ma’ dawn l-okkorrenzi preċedenti u vvaluta l-gravità tal-avveniment partikolari.

### *1.3. Ambitu ġeografiku tal-iskema*

Jekk jogħġbok iddefinixxi l-ambitu ġeografiku tal-iskema (nazzjonali, reġjonali). Kif u fuq liema bażi kien definit dan l-ambitu ġeografiku?

Jekk jogħġbok ipprovdi lista estensiva ta’ reġjuni jew muniċipalitajiet affettwati, possibbilment bl-użu tal-istess klassifikazzjoni tal-Mapep ta’ Għajnuna Reġjonali (livelli NUTS 2/NUTS 3).

L-informazzjoni li ġejja tkun utli: il-popolazzjoni milquta (ukoll bħala persentaġġ tal-popolazzjoni kollha tal-pajjiż/taż-żona affettwata), it-tipi ta’ attivitajiet ekonomiċi milquta, il-piż ekonomiku tar-reġjun(i) milqut(a) fil-PGD nazzjonali, mapep li jindikaw ir-reġjuni affettwati.

Id-diżastru huwa transnazzjonali (kien iddikjarat bħala diżastru naturali wkoll minn pajjiżi ġirien)?

### *1.4. Livell ta’ danni*

Jekk jogħġbok agħti stima tal-livell ta’ ħsara kkawżata mid-diżastru naturali. Kif u fuq liema bażi kien definit dan il-livell?

## 2. Bażi legali

### *2.1. Bażi legali ġenerali*

Jekk jogħġbok indika jekk hemmx bażi legali ġenerali, jiġifieri liġi ġenerali dwar l-intervent f’każ ta’ diżastri naturali. Jekk jogħġbok ipprovdi kopja tad-dokumenti relevanti.

### 2.2. *Bażi legali speċifika*

Jekk jogħġbok indika jekk hemmx bażi legali speċifika, jiġifieri xi regolament ta’ implimentazzjoni tal-liġi ġenerali, programm dettaljat li jistabbilixxi metodu għall-kalkolu tal-ħsara, eċċ. Jekk jogħġbok ipprovdi kopja tad-dokumenti relevanti.

---

applikazzjoni tal-Artikolu 107(2)(b) tat-TFUE issir mill-Kummissjoni abbażi tal-prassi tagħha stess u fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja).

7 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta’ Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta’ Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3).

Jekk jogħġbok indika jekk il-bażi legali kinitx adottata fuq livell nazzjonali jew reġjonali.

## 3. Benefiċjarji

### *3.1. Tip ta' benefiċarji*

Jekk l-individwi mingħajr attività ekonomika jkunu wkoll intitolati għal għajnuna taħt l-iskema, jekk jogħġbok ifred b'mod ċar il-kundizzjonijiet li japplikaw għalihom minn dawk li jirreferu għal impriżi jew individwi b'attività ekonomika. Għajnuna lil individwi (eż. biex jiġu evakwati familji), bil-kundizzjoni li ma jkun hemm l-ebda element ta' attività ekonomika, ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

Il-miżura tkopri impriżi kbar? SMEs Mikroimpriżi?

Hemm xi kundizzjonijiet speċjali għall-SMEs jew tipi oħra ta' benefiċjarji?

### *3.2. Għażla tal-benefiċjarji*

Il-benefiċjarji kif jintgħażlu (pereż.: abbażi tal-applikazzjoni għall-għajnuna li għandha tiġi ppreżentata fi ħdan perjodu speċfikat wara l-okkorrenza tad-diżastru...)?

Il-pagament huwa ggarantit lill-benefiċjarji kollha li jkunu ressqu l-applikazzjonijiet? Jekk le, liema huma l-kriterji għall-għoti fil-każ li l-applikazzjonijiet jisbqu l-baġit: preferenza skont min japplika l-ewwel; tnaqqis proporzjonat għall-benefiċjarji kollha biex jiġu akkomondati applikanti ġodda; xi mod ieħor?

### *3.3. Għadd ta' benefiċjarji*

Jekk jogħġbok indika n-numru stmat ta' benefiċjarji. Jekk jista' jkun, ipprovdi informazzjoni dwar l-għadd ta' kull tip ta' benefiċjarju u skont ir-reġjun affettwat (pereż. f'reġjun A: 10 impriżi kbar, 15-il SME u 20 mikroimpriża).

Fil-każ li ma tkun disponibbli l-ebda lista eżawrjenti ta' benefiċjarji fil-mument tan-notifika, jew jekk ikun hemm bidla sostanzjali fin-numru tagħhom, għandha tiġi komunikata lista komprensiva lill-Kummissjoni mill-aktar fis possibbli fi ħdan il-qafas ta' żmien stabbilit fin-notifika u mhux aktar tard minn meta jiġi ppreżentat ir-rapport annwali.

### *3.4. Ambitu settorjali tal-iskema*

Jekk jogħġbok indika b'mod ċar għal liema setturi tapplika l-iskema (impriżi attivi fis-setturi ekonomiċi kollha, limitata għal ċerti setturi, jew teskludi ċerti setturi?).

Jekk jogħġbok indika jekk, fid-dawl tar-regoli speċifiċi applikabbli għall-impriżi fis-settur tas-sajd u l-akwakultura u lil impriżi attivi fil-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli li jaqgħu fl-ambitu tal-Anness I tat-Trattat, din l-iskema tkoprix dawn is-setturi, jew jekk skema separata li tkopri wieħed jew tnejn minn dawn is-setturi kinitx jew kinitx se tkun notifikata separatament lill-Kummissjoni.

Jekk xi setturi huma esklużi, huwa ppjanat li tiġi adottata skema settorjali?

## 4. Dewmien fin-notifika u t-tul ta' validità

Għandu jkun hemm rabta kawżali bejn id-dannu u d-diżastru naturali. Dan ikun aktar faċli biex jiġi ddimostrat jekk l-għajnuna tiġi notifikata fi żmien "raġonevoli" wara l-okkorrenza tad-diżastru[8].

Jekk jogħġbok ara li jkun hemm 'klawżola stand-still' li tiddikjara b'mod ċar li l-ebda għajnuna ma tingħata qabel l-approvazzjoni mill-Kummissjoni tal-iskema notifikata.

Sa meta jistgħu l-benefiċjarji japplikaw għal kumpens għad-danni kkawżati minn diżastri naturali partikolari?

Sa meta tista' tingħata għajnuna taħt l-iskema notifikata? F'dan ir-rigward jekk jogħġbok innota li l-Kummissjoni se tawtorizza biss skemi b'perjodu ta' validità limitat[9].

Sa meta jistgħu l-benefiċjarji jirċievu l-pagamenti ta' għajnuna mogħtija taħt l-iskema notifikata?[10]

## 5. Il-Baġit u l-iffinanzjar

Iddikjara b'mod ċar il-baġit totali stmat tal-iskema, kif ukoll stima analizzata għal kull sena (jekk il-perjodu ta' validità ikun itwal minn sena (1)) u għal kull pagament bin-nifs (fil-każ li l-pagament isir bin-nifs).

Fil-każ li l-baġit ma jiġix iffissat b'mod definit f'dan l-istadju ta' verifika tal-ħsara, għandha tingħata l-informazzjoni disponibbli mill-iktar fis possibbli fi żmien raġonevoli u mhux aktar tard minn meta jiġi ppreżentat ir-rapport annwali.

Speċifika l-finanzjament tal-għajnuna. Jekk l-għajnuna ma tkunx iffinanzjata permezz tal-baġit ġenerali tal-Istat/ir-reġjun/il-muniċipalità, jekk jogħġbok spjega l-mod kif inhi ffinanzjata.

L-iskema se tiġi kofinanzjata mill-Fondi Strutturali/il-Fond ta' Koeżjoni?
Jekk iva, jekk jogħġbok ikkonferma li r-regoli applikabbli għal dawn il-fondi ser ikunu rispettati u b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 ("ir-Regolament Ġenerali dwar il-Fondi Strutturali").

L-iskema se tiġi kofinanzjata permezz tal-Fond tas-Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE)?
Jekk iva, jekk jogħġbok ikkonferma li r-regoli applikabbli għal dan il-Fond ser ikunu rispettati u b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru

8 Pereżempju, għal għajnuna għas-settur agrikolu, fl-assenza ta' ġustifikazzjoni speċifika, il-Kummissjoni mhix se tapprova proposti għal għajnuna li jiġu ppreżentati aktar minn tliet snin wara l-okkorrenza tal-avveniment (il-punt 119 tal-linji gwida Komunitarji għall-għajnuna mill-Istat fis-settur tal-agrikoltura u l-forestrija 2007 sa 2013). għas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura, il-miżura tal-għajnuna trid tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni fi żmien sena mill-avvniment ikkonċernat (punt 4.4 tal-linji gwida dwar l-eżami tal-għajnuniet mill-Istat għas-settur tas-sajd u l-akkwakultura).

9 Sa massimu ta' sitt snin għal għajnuna għas-settur tal-manifattura u setturi oħra (ara wkoll l-Artikolu 4.2(b) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1, kif emendat), u l-punt 7.2 tal-formola tan-notifikazzjoni ġenerali parti I mehmuż ma' dan ir-Regolament); sa massimu ta' seba' snin għal għajnuna lis-settur agrikolu (f'konformità mat-Taqsima VIII.B tal-linji gwida Komunitarji għall-għajnuna mill-Istat fis-settur ta'l-agrikoltura u l-forestrija 2007 sa 2013).

10 Pereżempju, għal għajnuna għas-settur agrikolu, fl-assenza ta' ġustifikazzjoni speċifika, il-Kummissjoni mhix se tapprova proposti għal għajnuna li titħallas aktar minn erba' snin minn wara l-avveniment (il-punt V.B.1 tal-linji gwida Komunitarji għall-għajnuna mill-Istat fis-settur tal-agrikoltura u l-forestrija 2007 sa 2013).

2012/2002[11] li jistabbilixxi l-FSUE kif ukoll id-dispożizzjonijiet stipulati fid-deċiżjoni li tagħti l-assistenza mill-FSUE għal dan id-diżastru partikolari.

## 6. L-ispejjeż eliġibbli

### 6.1. *It-tip ta' ħsara koperta*

Għandu jkun hemm rabta kawżali bejn id-dannu u d-diżastru naturali. Kif se jkun aċċertat li l-ħsara hija biss dovuta għad-diżastru? Jekk jogħġbok ibgħat id-dokumenti rilevanti kollha u, b'mod partikolari, xi rapport uffiċjali.

Jekk jogħġbok iddefinixxi b'mod ċar it-tip ta' ħsara koperta. Eżempji: ħsara f'makkinarju u tagħmir, ħsara fil-bini (jekk jogħġbok għamel differenza bejn użu kummerċjali u residenzjali), ħsara fl-infrastruttura, ħsara f'vetturi (proprjetà mobbli reġistrata), ħsara fi proprjetà mobbli mhux reġistrata (pereż. għamara), ħsara fi stokkijiet, produzzjoni mhux lesta, prodotti u merkanzija, ħsara minħabba telf ta' introjtu, ħsara minħabba sospensjoni ta' attività tan-negozju...

Hemm xi tip ta' ħsara li hija eskluża b'mod espliċitu?

### 6.2. *Il-metodu ta' kalkolu biex tiġi stabblita l-ħsara*

Jekk jogħġbok ipprovdi metodoloġija dettaljata għal kull tip ta' ħsara.

Eżempji:

- għal ħsara f'makkinarju u tagħmir: metodu modifikat fuq il-valur tax-xiri
- għal ħsara għal stokkijiet, prodotti lesti, eċċ.: abbażi ta' dokumenti tal-kontabilità li jippruvaw l-eżistenza tagħhom fil-mument tal-ħsara
- għal ħsara minħabba telf ta' introjtu: il-qligħ medju qabel l-interessi u t-taxxi, l-ispejjeż ta' diprezzament u tax-xogħol, abbażi tad-dikjarazzjonijiet ta' introjtu mmultiplikat bl-għadd ta' jiem ta' sospensjoni tal-attività

Jekk jogħġbok indika kif għandha tiġi aċċertata l-ħsara (espert indipendenti, awtovalutazzjoni ta' ħsarat sa ċertu ammont...) għal kull benefiċjarju individwali.

Jittieħed f'kunsiderazzjoni d-deprezzament ta' oġġetti materjali meta tiġi evalwata l-ħsara u l-ispejjeż eliġibbli?

F'każ li d-danni ma jkunu jistgħux jissewwew, jekk jogħġbok iddeskrivi taħt liema kundizzjonijiet se jkunu koperti mill-iskema (xiri ta' tagħmir ġdid jew il-kostruzzjoni ta' infrastruttura ġdida u bini....)

Hemm xi kundizzjonijiet restrittivi (pereż. ammont minimu jew massimu ta' ħsara, tip wieħed biss ta' ħsara li jista' jiġi kopert għal kull benefiċjarju, ma tkunx tista' ssir taħlita speċifika ta' ċerti tipi ta' ħsara...)?

Kif se jiġi eskluż il-kumpens żejjed? Jekk jogħġbok spjega fid-dettall il-mekkaniżmu li jiżgura li ma tkunx se tiġi koperta aktar minn 100% tal-ħsara kkawżata direttament mid-diżastru (pereż. tnaqqis ta' pagament tal-assigurazzjonijiet).

## 7. L-għamla tal-għajnuna u l-ammont tal-għajnuna

Jekk jogħġbok indika taħt liema forma l-benefiċjari jkunu se jirċievu l-għajnuna. Eżempji: għotja diretta, għotja rimborżabbli, self b'imgħax baxx (bid-dettalji ta' x'garanziji jrid ikun

[11] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 5.

hemm fuq is-self), sussidju fuq l-imgħax, vantaġġi fiskali (jekk jogħġbok speċifika: benefiċċju fiskali, tnaqqis fil-bażi taxxabbli, tnaqqis fir-rata tat-taxxa, diferiment tat-taxxa), tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali (jew jiġi aċċettat li t-tali kontribuzzjonijiet jitħallsu aktar tard), il-maħfra ta' dejn, garanzija (inkluż fost afarijiet oħra informazzjoni dwar is-self jew xi transazzjoni finanzjarja oħra koperta mill-garanzija, is-sigurtà meħtieġa u l-primjum li jrid jitħallas).

Fil-każ ta' forom mhux trasparenti ta' għajnuna (ħlief għotjiet diretti), jekk jogħġbok indika kif se jiġi kkalkulat l-Ekwivalenti tal-Għotja Gross (GGE).

Għal kull strument ta' għajnuna, jekk jogħġbok agħti deskrizzjoni preċiża tar-regoli u l-kundizzjonijiet tal-applikazzjoni tiegħu, inkluża b'mod partikolari l-intensità tal-għajnuna, it-trattament tiegħu tat-taxxa u jekk l-għajnuna tingħatax awtomatikament ladarba ċerti kriterji oġġettivi jkunu ġew issodisfati (jekk iva, jekk jogħġbok semmi l-kriterji) jew jekk hemmx element ta' diskrezzjoni mill-awtoritajiet li jagħmlu l-għotja.

L-iskema tippermetti l-għażla u/jew it-taħlita ta' forom differenti ta' għajnuna (abbażi, jew mhux, ta' ċerti kriterji)? Jekk jogħġbok spjega.

L-iskema tistabbilixxi ammont massimu ta' għajnuna għal kull benefiċjarju?

## 8. L-intensità u l-kumulazzjoni tal-għajnuna

L-intensità tal-għajnuna għandha tiġi espressa bħala perċentwali (ammont tal-għajnuna diviż bl-ispejjeż eliġibbli). Jekk jogħġbok spjega differenzazzjonijiet possibbli ta' intensitajiet tal-għajnuna (eż. fil-każ ta' proprjetà assikurata u mhux assikurata, għal tipi differenti ta' kostijiet eliġibbli, għal forom differenti ta' għajnuna, għal tipi differenti ta' ħsara, għal tipi ta' benefiċjarji differenti, eċċ.).

L-għajnuna tista' tiġi akkumulata bl-għajnuna rċevuta minn skemi oħra lokali, reġjonali, nazzjonali jew Komunitarji biex ikopru l-istess spejjeż eliġibbli għall-istess għan/għanijiet differenti? B'appoġġ de minimis? Bi ħlasijiet tal-assikurazzjoni? Ma' fondi minn sorsi oħrajn?

Jekk jogħġbok ipprovdi spjegazzjoni ċara dwar il-kumulazzjoni possibbli ta' għajnuna li għandha tingħata taħt l-iskema notifikata ma' għajnuna oħra jew kumpens riċevut minn sorsi oħra.

Il-kumpens għandu jiġi kkalkolat fil-livell tal-benefiċjarju individwali. Il-kumpens totali, inkluż għajnuna mogħtija taħt l-iskema, il-pagamenti ta' assigurazzjoni u appoġġ ieħor, ma jistax jaqbeż 100% tal-ispiża tal-ħsara kkawżata mid-diżastru naturali.

## 9. L-awtorità awtorizzanti u l-amministrazzjoni tal-iskema

Jekk jogħġbok indika l-awtorità awtorizzanti (li tista' tkun differenti skont l-għamla tal-għajnuna).

Jekk jogħġbok indika l-livelli/l-awtoritajiet responsabbli għall-amministrazzjoni tal-iskema.

Hemm xi entitajiet speċifiċi stabbiliti biex jamministraw l-iskema (eż. kummissjonijiet reġjonali, eċċ.)? Jekk iva, jekk jogħġbok spjega l-għamla, il-mandat, is-setgħat tagħhom, eċċ.

Jekk jogħġbok spjega r-rekwiżiti bażiċi għall-applikazzjonijiet għall-għajnuna (id-data tal-għeluq għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet, il-formoli speċifiċi tal-applikazzjoni...).

Liema provi trid tiġi pprovduta mill-benefiċjarji (fatturi, rapporti dwar l-ispezzjoni tal-bini, ordnijiet għal materjali, eċċ.)? Min se jiġbor u jivvaluta l-provi (esperti indipendenti, kummissjonijiet speċjali, awtovalutazzjoni għal ħsara taħt ċertu limitu...)?

Jekk jogħġbok indika liema awtorità hija responsabbli għall-pagamenti. Jekk tkun aktar minn waħda, jekk jogħġbok spjega l-interazzjoni bejniethom u speċjalment kif se jkun żgurat li l-pagamenti kollha jkunu identifikati u li l-kumulazzjoni ma tirriżultax f'kumpens żejjed.

***

**PARTI II - Notifika ta' skemi ex ante għal tipi partikolari ta' diżastri naturali**

L-Istati Membri jistgħu jinnotifikaw qafas ġenerali għal għajnuna biex jagħmel tajjeb għal danni minn avvenimenti fil-ġejjieni ta' tip wieħed jew aktar ta' diżastri naturali mingħajr il-ħtieġa għal notifika separata tal-għajnuna mogħtija għal kull okkorrenza. Tali skemi ex ante jistgħu jiġu stabbiliti għal diżastri naturali koperti minn prassi passata konsolidata tal-Kummissjoni (eż. it-terremoti, il-valangi, iż-żerżiq tal-art u l-għargħar). Huma jrid ikollhom l-obbligu ta' rapurtaġġ ex post li tobbliga lill-Istati Membri biex jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar kif tkun ġiet applikata preċiżament l-iskema fil-każ ta' xi avveniment partikolari.

Hawn taħt huma elenkati diversi elementi li jidhru fil-prassi preċedenti tal-Kummissjoni u huma mistennija li jiġu pprovduti f'notifiki ex ante. Din hija lista indikattiva li tista' tiġi adottata għall-karatteristiċi ta' kull skema partikolari.

## 1. Kuntest fattwali

*1.1. It-Tip ta' avveniment(i)*

Jekk jogħġbok speċifika b'mod ċar it-tip ta' diżastru naturali(i) kopert(i) mill-iskema notifikata.

*1.2. Il-kwalifikazzjoni ta' "diżastri naturali" mill-Istat Membru*

Jekk jogħġbok speċifika l-kriterji formali użati biex okkorrenza titqies bħala diżastru naturali (sistemi nazzjonali, koerenza mad-definizzjoni ta' "diżastru naturali maġġuri" skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 2012/2002[12], oħrajn?).

Jekk jogħġbok spjega liema livelli tad-deċiżjoni huma involuti (eż. digriet presidenzjali, deċiżjoni ministerjali, deċiżjoni minn awtoritajiet reġjonali jew lokali).

Jekk jogħġbok indika liema tip ta' dejta jew rapporti meterjoloġiċi ikunu kkunsidrati (eż. mm ta' xita għal kull m $^2$, graffs, ritratti, eċċ.). Preferibbilment, is-sors ta' din id-dejta għandha tkun l-aġenzija meterjoloġika nazzjonali jew xi korp kompetenti ieħor rikonoxxut.

Jekk ikun hemm sistema ta' gradazzjoni għall-kwalifikazzjoni tal-gravità tad-diżastri, jekk jogħġbok spjega u agħti kriterji oġġettivi użati għall-valutazzjoni.

*1.3. Ambitu ġeografiku tal-iskema*

Jekk jogħġbok iddefinixxi l-ambitu ġeografiku tal-iskema (nazzjonali, reġjonali?). Kif u fuq liema bażi kien definit dan l-ambitu ġeografiku?

## 2. Bażi legali

*2.1. Bażi legali ġenerali*

[12] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 5.

Jekk jogħġbok indika jekk hemmx bażi legali ġenerali, jiġifieri liġi ġenerali dwar l-intervent f'każ ta' diżastri naturali. Jekk jogħġbok ipprovdi kopja tad-dokumenti relevanti.

2.2. *Bażi legali speċifika*

Jekk jogħġbok indika jekk hemmx xi bażi legali speċifika, jiġifieri xi regolament implimentattiv tal-liġi ġenerali, programm dettaljat li tistabbilixxi metodu għall-kalkolu tad-danni, eċċ.

Jekk jogħġbok indika jekk il-bażi legali kienitx adottata fuq livell nazzjonali jew reġjonali. Jekk jogħġbok ipprovdi kopja tad-dokumenti relevanti.

## 3. Benefiċjarji

*3.1. It-tip ta' benefiċarji*

Jekk l-individwi mingħajr attività ekonomika huma intitolati wkoll għal għajnuna taħt l-iskema, jekk jogħġbok ifred b'mod ċar il-kundizzjonijiet li japplikaw għalihom minn dawk li jirreferu għal impriżi jew individwi b'attività ekonomika. Għajnuna lil individwi (eż. biex jiġu evakwati familji), bil-kundizzjoni li ma jkun hemm l-ebda element ta' attività ekonomika, ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

Il-miżura tkopri impriżi kbar? SMEs Mikroimpriżi?

Hemm xi kundizzjonijiet speċjali għall-SMEs jew tipi oħra ta' benefiċjarji?

*3.2. Għażla tal-benefiċjarji*

Il-benefiċjarji kif jintgħażlu (pereż.: abbażi tal-applikazzjoni għall-għajnuna li għandha tiġi ppreżentata fi ħdan perjodu speċifikat wara l-okkorrenza tad-diżastru...)?

Fil-każ ta' baġit insuffiċjenti, kif jintgħażlu l-benefiċjarji?

*3.3. Għadd ta' benefiċjarji*

Jekk hu possibbli, indika stima tal-għadd ta' benefiċjarji.

*3.4. Ambitu ġeografiku tal-iskema*

Jekk jogħġbok indika b'mod ċar għal liema setturi tapplika l-iskema (impriżi attivi fis-setturi ekonomiċi kollha, limitata għal ċerti setturi, jew teskludi ċerti setturi?).

Jekk jogħġbok indika jekk, fid-dawl tar-regoli speċifiċi applikabbli għall-impriżi fis-settur tas-sajd u l-akwakultura u lil impriżi attivi fil-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli li jaqgħu fl-ambitu tal-Anness I tat-Trattat, din l-iskema tkoprix dawn is-setturi, jew jekk skema separata li tkopri wieħed jew tnejn minn dawn is-setturi kinitx jew kinitx se tkun notifikata separatament lill-Kummissjoni.

Jekk xi setturi huma esklużi, huwa ppjanat li tiġi adottata skema settorjali?

## 4. Tul ta' żmien

Għandu jkun hemm rabta kawżali bejn id-dannu u d-diżastru naturali. Dan ikun aktar faċli biex jiġi ddimostrat jekk l-għajnuna tiġi notifikata fi żmien "raġonevoli" wara l-okkorrenza tad-diżastru[13].

---

[13] Pereżempju, għal għajnuna għas-settur agrikolu, fl-assenza ta' ġustifikazzjoni speċifika, il-Kummissjoni mhix se tapprova proposti għal għajnuna li jiġu ppreżentati aktar minn tliet snin wara l-okkorrenza tal-

Sa meta jistgħu l-benefiċjarji japplikaw għal kumpens għad-danni kkawżati mid-diżastri naturali partikolari?

Sa meta tista' tingħata għajnuna taħt l-iskema notifikata? F'dan ir-rigward jekk jogħġbok innota li l-Kummissjoni se tawtorizza biss skemi b'perjodu ta' validità limitat[14].

Sa meta jistgħu l-benefiċjarji jirċievu l-pagamenti ta' għajnuna mogħtija taħt l-iskema notifikata?[15]

## 5. Il-Baġit u l-iffinanzjar

Jekk possibbli, jekk jogħġbok agħti indikazzjoni tal-limitu massimu tal-baġit totali allokat, kif ukoll skont kull tip ta' benefiċjarju, kull tip ta' dannu, jew kull strument ta' għajuna.

Hemm ammont massimu ta' għajnuna għal kull benefiċjarju?

Il-pagament huwa ggarantit lill-benefiċjarji kollha li jkunu ressqu l-applikazzjonijiet? Jekk le, liema huma l-kriterji għall-għoti fil-każ li l-applikazzjonijiet jisbqu l-baġit: preferenza skont min japplika l-ewwel; tnaqqis proporzjonat għall-benefiċjarji kollha biex jiġu akkomondati applikanti ġodda; xi mod ieħor?

Speċifika l-finanzjament tal-għajnuna. Jekk l-għajnuna ma tkunx iffinanzjata permezz tal-baġit ġenerali tal-Istat/ir-reġjun/il-muniċipalità, jekk jogħġbok spjega l-mod kif inhi ffinanzjata.

Hemm previst xi kofinanzjament mill-Fondi Strutturali/il-Fond ta' Koeżjoni?
Jekk iva, jekk jogħġbok ikkonferma li r-regoli applikabbli għal dawn il-fondi ser ikunu rispettati u b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 ("ir-Regolament Ġenerali dwar il-Fondi Strutturali").

Hemm previst xi kofinanzjament mill-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE)?
Jekk iva, jekk jogħġbok ikkonferma li r-regoli applikabbli għal dan il-Fond ser ikunu rispettati u b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002[16] li jistabbilixxi l-FSUE kif ukoll id-dispożizzjonijiet stipulati fid-deċiżjoni li tagħti l-assistenza mill-FSUE għal dan id-diżastru partikolari.

---

avveniment (il-punt 119 tal-linji gwida Komunitarji għall-għajnuna mill-Istat fis-settur tal-agrikoltura u l-forestrija 2007 sa 2013). għas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura, il-miżura tal-għajnuna trid tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni fi żmien sena mill-avvniment ikkonċernat (punt 4.4 tal-linji gwida dwar l-eżami tal-għajnuniet mill-Istat għas-settur tas-sajd u l-akkwakultura).

14 Sa massimu ta' sitt snin għal għajnuna għas-settur tal-manifattura u setturi oħra (ara wkoll l-Artikolu 4.2(b) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1, kif emendat), u l-punt 7.2 tal-formola tan-notifikazzjoni ġenerali parti I mehmuż ma' dan ir-Regolament); sa massimu ta' seba' snin għal għajnuna lis-settur agrikolu (f'konformità mat-Taqsima VIII.B tal-linji gwida Komunitarji għall-għajnuna mill-Istat fis-settur ta'l-agrikoltura u l-forestrija 2007 sa 2013).

15 Pereżempju, għal għajnuna għas-settur agrikolu, fl-assenza ta' ġustifikazzjoni speċifika, il-Kummissjoni mhix se tapprova proposti għal għajnuna li titħallas aktar minn erba' snin minn wara l-avveniment (il-punt V.B.1 tal-linji gwida Komunitarji għall-għajnuna mill-Istat fis-settur tal-agrikoltura u l-forestrija 2007 sa 2013).

16 Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 5.

## 6. L-ispejjeż eliġibbli

6.1. *It-tip ta' ħsara koperta*

Għandu jkun hemm rabta kawżali bejn id-dannu u d-diżastru naturali. Kif se jkun aċċertat li l-ħsara hija biss dovuta għad-diżastru? Jekk jogħġbok ibgħat id-dokumenti rilevanti kollha u, b'mod partikolari, kwalunkwe rapport uffiċjali.

Jekk jogħġbok iddefinixxi b'mod ċar it-tip ta' dannu kopert mill-iskema notifikata. Eżempji: ħsara f'makkinarju u tagħmir, ħsara fil-bini (jekk jogħġbok għamel differenza bejn użu kummerċjali u residenzjali), ħsara fl-infrastruttura, ħsara f'vetturi (proprjetà mobbli reġistrata), ħsara fi proprjetà mobbli mhux reġistrata (pereż. għamara), ħsara fi stokkijiet, produzzjoni mhux lesta, prodotti u merkanzija, ħsara minħabba telf ta' introjtu, ħsara minħabba sospensjoni ta' attività tan-negozju...

Hemm xi tip ta' dannu li huwa eskluż b'mod espliċitu?

6.2. *Il-metodu ta' kalkolu biex jiġi stabblit id-dannu*

Jekk jogħġbok ipprovdi metodoloġija dettaljata għal kull tip ta' ħsara.

Eżempji:

- għal dannu f'makkinarju u tagħmir: metodu modifikat fuq il-valur tax-xiri;
- għal dannu fi stokkijiet, prodotti lesti, eċċ.: abbażi ta' dokumenti tal-kontabilità dokumenti li jippruvaw l-eżistenza tagħhom fil-mument tal-ħsara;
- għal dannu minħabba telf ta' introjtu: il-qligħ medju qabel l-interessi u t-taxxi, l-ispejjeż ta' diprezzament u tax-xogħol, abbażi tad-dikjarazzjonijiet ta' introjtuu mmultiplikat bl-għadd ta' jum ta' sospensjoni tal-attività.

Jekk jogħġbok indika kif għandu jiġi aċċertat id-dannu (espert indipendenti, awtovalutazzjoni ta' danni sa ċertu ammont...) għal kull benefiċjarju individwali.

Jittieħed f'kunsiderazzjoni d-deprezzament ta' oġġetti materjali meta tiġi evalwata l-ħsara u l-ispejjeż eliġibbli?

F'każ li d-danni ma jkunux jistgħu jissewwew, jekk jogħġbok iddeskrivi taħt liema kundizzjonijiet se jkunu koperti mill-iskema affarijiet bħal xiri ta' tagħmir ġdid jew il-kostruzzjoni ta' infrastruttura ġdida u bini...).

Hemm xi kundizzjonijiet restrittivi (pereż. ammont minimu jew massimu ta' ħsara, tip wieħed biss ta' ħsara li jista' jiġi kopert għal kull benefiċjarju, ma tkunx tista' ssir taħlita speċifika ta' ċerti tipi ta' ħsara...)?

Kif se jiġi eskluż il-kumpens żejjed? Jekk jogħġbok spjega fid-dettall il-mekkaniżmu li jiżgura li ma tkunx se tiġi koperta aktar minn 100% tal-ħsara kkawżata direttament mid-diżastru (eż.: tnaqqis ta' pagament tal-assigurazzjonijiet).

## 7. L-għamla tal-għajnuna u l-ammont tal-għajnuna

Jekk jogħġbok indika taħt liema forma l-benefiċjari jkunu se jirċievu l-għajnuna. Eżempji: għotja diretta, għotja rimborsabbli, self b'imgħax baxx (bid-dettalji ta' x'garanziji jrid ikun hekk fuq is-self), sussidju fuq l-imgħax, vantaġġi fiskali (jekk jogħġbok speċifika: benefiċċju fiskali, tnaqqis fil-bażi taxxabbli, tnaqqis fir-rata tat-taxxa, differiment tat-taxxa), tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali (jew jiġi aċċettat li t-tali kontribuzzjonijiet jitħallsu aktar tard), il-maħfra ta' dejn, garanzija (inkluż fost afarijiet oħra informazzjoni dwar is-self jew xi

transazzjoni finanzjarja oħra koperta mill-garanzija, is-sigurtà meħtieġa u l-primjum li jrid jitħallas).

Fil-każ ta' forom mhux trasparenti ta' għajnuna (ħlief għotjiet diretti), jekk jogħġbok indika kif se jiġi kkalkulat l-Ekwivalenti tal-Għotja Gross (GGE).

Għal kull strument ta' għajnuna, jekk jogħġbok agħti deskrizzjoni preċiża tar-regoli u l-kundizzjonijiet tal-applikazzjoni tiegħu, inkluża b'mod partikolari l-intensità tal-għajnuna, it-trattament tiegħu tat-taxxa u jekk l-għajnuna tingħatax awtomatikament ladarba ċerti kriterji oġġettivi jkunu ġew issodisfati (jekk iva, jekk jogħġbok semmi l-kriterji) jew jekk hemmx element ta' diskrezzjoni mill-awtoritajiet li jagħmlu l-għotja.

L-iskema tippermetti l-għażla u/jew it-taħlita ta' forom differenti ta' għajnuna (abbażi, jew mhux, ta' ċerti kriterji)? Jekk jogħġbok spjega.

L-iskema tistabbilixxi ammont massimu ta' għajnuna għal kull benefiċjarju?

## 8. L-intensità tal-għajnuna u l-kumulazzjoni

L-intensità tal-għajnuna għandha tiġi espress bħala perċentwali (ammont tal-għajnuna diviż bl-ispejjeż eliġibbli). Jekk jogħġbok spjega d-differenzazzjonijiet possibbli ta' intensitajiet tal-għajnuna (eż. fil-każ ta' proprjetà assikurata u mhux assikurata, għal tipi differenti ta' kostijiet eliġibbli, għal forom differenti ta' għajnuna, għal tipi differenti ta' ħsara, għal tipi ta' benefiċjarji differenti, eċċ.).

L-għajnuna tista' tiġi akkumulata bl-għajnuna rċevuta minn skemi oħra lokali, reġjonali, nazzjonali jew Komunitarji biex ikopru l-istess spejjeż eliġibbli għall-istess għan/għanijiet differenti? B'appoġġ de minimis? Bi ħlasijiet tal-assikurazzjoni? Ma' fondi minn sorsi oħrajn?

Jekk jogħġbok ipprovdi spjegazzjoni ċara dwar il-kumulazzjoni possibbli ta' għajnuna li għandha tingħata taħt l-iskema notifikata ma' għajnuna oħra jew kumpens riċevut minn sorsi oħra.

Il-kumpens għandu jiġi kkalkolat fil-livell tal-benefiċjarju individwali. Il-kumpens totali, inkluż għajnuna mogħtija taħt l-iskema, il-pagamenti ta' assigurazzjoni u appoġġ ieħor, ma jistax jaqbeż 100% tal-ispiża tal-ħsara kkawżata mid-diżastru naturali.

## 9. L-awtorità tal-għoti u l-amministrazzjoni tal-iskema

Jekk jogħġbok indika l-awtorità li tagħti l-għajnuna (li tista' tkun differenti skont l-għamla tal-għajnuna).

Jekk jogħġbok indika l-livelli/l-awtoritajiet responsabbli għall-amministrazzjoni tal-iskema.

Hemm xi entitajiet speċifiċi stabbiliti biex jamministraw l-iskema (eż. kummissjonijiet reġjonali, eċċ.)? Jekk iva, jekk jogħġbok spjega l-għamla, il-mandat, is-setgħat tagħhom, eċċ.

Jekk jogħġbok spjega r-rekwiżiti bażiċi għall-applikazzjonijiet għall-għajnuna.

Liema provi trid tiġi pprovduta mill-benefiċjarji (fatturi, rapporti dwar l-ispezzjoni tal-bini, ordnijiet għal materjali, eċċ.)? Min se jiġbor u jivvaluta l-provi (esperti indipendenti, kummissjonijiet speċjali, awtovalutazzjoni għal ħsara taħt ċertu limitu...)?

Jekk jogħġbok indika liema awtorità hija responsabbli għall-pagamenti. Jekk tkun aktar minn waħda, jekk jogħġbok spjega l-interazzjoni bejniethom u speċjalment kif se jkun żgurat li l-pagamenti kollha jkunu identifikati u li l-kumulazzjoni ma tirriżultax f'kumpens żejjed.

## 10. Rapport ex-post relatat mal-avvenimenti

Jekk jogħġbok spjega fid-dettall kif l-Istat Membru se jipprovdi informazzjoni f'rapputaġġ ex post lill-Kummissjoni wara l-okkorrenza ta' xi diżastru naturali partikolari, u pprovdi l-iskeda ta' żmien prevista għar-rappurtaġġ (pereż. informazzjoni fattwali dwar id-diżastru partikolari; aktar informazzjoni dettaljata dwar il-benefiċjarji, il-livell ta' danni u l-għajnuna ppjanata).

***

## PARTI III – Rappurtaġġ ex-post relatat mal-avveniment għall-monitoraġġ dwar l-għajnuna mogħtija taħt xi skema ex ante

Din il-parti tal-lista ta' kontroll tikkonċerna l-informazzjoni li għandha tiġi sottomessa lill-Kummissjoni fil-kuntest ta' rapport ex-post relatat mal-avveniment fil-każ ta' diżastru naturali partikolari mogħtija taħt xi skema ex ante eżistenti[17]. L-Istati Membri huma mitluba li jipprovdu argumenti li juru li l-avveniment jaqbel mat-tipoloġija ta' diżastru awtorizzat taħt l-iskema ex ante.

L-għajnuna tista' tkun legalment mogħtija u mħallsa immedjatament, peress li l-Kummissjoni tkun diġà approvat il-miżura meta tkun approvat l-iskema ex ante. Jekk jirriżulta mir-rappurtaġġ (kemm taħt il-Parti III ta' din il-lista ta' kontroll kif ukoll skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004, Anness 3) jew minn għejun oħrajn ta' informazzjoni li l-kundizzjonijiet tal-iskema ex ante ma kinux rispettati, u li l-għajnuna tkun ingħatat kontra l-liġi, il-Kummissjoni teżamina dik l-informazzjoni mingħajr dewmien, fid-dawl tal-possibbiltà ta' rkupru skont l-Artikoli 10 sa 16 tar-Regolament Proċedurali[18].

### 1. Il-kuntest fattwali

*1.1. It-tip ta' avveniment*

Jekk jogħġbok iddeskrivi b'mod ċar id-diżastru naturali partikolari. Jekk ikun hemm serje ta' avvenimenti, spjega b'mod ċar ir-rabta bejniethom (eż. xita qawwija ħafna, li twassal għal livelli elevati tax-xmajjar, li jwasslu għal għargħar, li jwassal għal żerżiq minn ġnub l-għoljiet, eċċ.).

Meta seħħ id-diżastru?

*1.2. Ambitu ġeografiku tal-iskema*

Jekk jogħġbok iddefinixxi l-ambitu ġeografiku tal-iskema (nazzjonali, reġjonali). Kif u fuq liema bażi kien definit dan l-ambitu ġeografiku?

Jekk jogħġbok ipprovdi lista estensiva ta' reġjuni jew muniċipalitajiet affettwati, possibbilment bl-użu tal-istess klassifikazzjoni tal-Mapep ta' Għajnuna Reġjonali (livelli NUTS 2 NUTS 3).

L-informazzjoni li ġejja tkun utli: il-popolazzjoni milquta (ukoll bħala persentaġġ tal-popolazzjoni kollha tal-pajjiż/taż-żona affettwata), il-piż ekonomiku tar-reġjun(i) milqut(a) fil-PDG nazzjonali, mapep li jindikaw ir-reġjuni affettwati.

---

[17] Dawn id-dispożizzjonijiet dwar rappurtaġġ huma separati mill-obbligi ġenrali ta' rappurtaġġ imposti mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004, peress li jaqdu skop differenti (jiġifieri jiżguraw l-osservanza mal-iskema ex ante vs li jipprovdu r-rappurtaġġ annwali dwar in-nefqa).

[18] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1).

Id-diżastru huwa transnazzjonali (kien iddikjarat bħala diżastru naturali wkoll minn pajjiżi ġirien)?

*1.3. Il-livell ta' danni*

Jekk jogħġbok indika l-livell ta' danni kkawżat mid-diżastru naturali. Kif u fuq liema bażi kien definit dan il-livell?

## 2. Bażi legali

Jekk jogħġbok indika jekk ġietx adottata xi bażi legali addizzjonali lil hinn mill-bażijiet legali ppreżentati man-notifika tal-iskema ex ante. Jekk jogħġbok spjega l-interazzjonijiet/id-differenzi mal-iskema ex ante.

## 3. Benefiċjarji

Jekk jogħġbok indika jekk żdidux jew inbidlux xi kundizzjonijiet fejn jidħlu benefiċjarji meta mqabbla ma' dawk msemmija fin-notifika tal-iskema ex ante.

Jekk jogħġbok ipprovdi informazzjoni dwar l-għadd ta' kull tip ta' benefiċjarji u skont ir-reġjun affettwat (pereż. f'reġjun A: 10 impriżi kbar, 15-il SME u 20 mikroimpriża), jew lista eżawrijenti ta' benefiċjarji li lilhom ingħatat l-għajnuna.

## 4. Tul ta' żmien

Sa meta jistgħu l-benefiċjarji japplikaw għal kumpens għad-danni kkawżati minn diżastri naturali partikolari?

Sa meta jistgħu l-benefiċjarji jirċievu l-pagamenti ta' għajnuna mogħtija bħala kumpens għad-danni minn dan id-diżastru speċifiku?

Jekk ikun previst li l-pagament isir f'porzjonijiet, jekk jogħġbok ipprovdi skeda ta' żmien u l-baġit għal kull porzjon.

## 5. Il-Baġit u l-iffinanzjar

Iddikjara b'mod ċar il-baġit totali allokat għall-kumpens ta' danni minħabba d-diżastri naturali partikolari kopert mir-rapport.

***